MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 924/2001/1

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma**

**vs**

**Oil and Construction International Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Mejju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fis-7 ta’ Novembru, 2001, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ tlett elef, erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm3,428.75) rapprezentanti bilanc mis-somma akbar ta’ tlett elef erba’ mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin

centezmu (Lm3,478.75) dovuta mis-socjeta' konvenuta lill-istess Korporazzjoni attrici ghal servigi minnha pprestinati lis-socjeta' konvenuta fl-1995 fuq talba ta' l-istess socjeta' konvenuta, kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-28 ta' April, 1997, u tad-29 ta' Frar, 2000, u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn ecceppiet:

1. Illi in linea preliminari t-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi kif intavolata ma tistghax treggi u dana peress illi ma gew resi ebda servigi lis-socjeta' konvenuta kif qed jigi allegat izda semmai setgha kien hemm xi kirja ta' ingenji;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u dana jekk il-Korporazzjoni attrici trid tfisser servizzi konsistenti f'kiri ta' pompi t-talba attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi fil-meritu l-ammont reklamat mhux dovut u dana kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni ta' preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta' konvenuta li eccepiet favur taghha l-artikolu 2148(f) tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jippreskrivi tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet ta' kull persuna ghall-kiri ta' hwejjeg mobbli.

Irrizulta mill-provi li ghal habta ta’ April, 1995, is-socjeta’ konvenuta talbet lill-Korporazzjoni attrici li tipprovdilha pompi ghal xoghol li kienet qeghda taghmel fil-Power Station ta’ Delimara.

Il-Korporazzjoni attrici accediet ghal din it-talba u baghatet rata ghall-kiri ta’ dawn il-pompi, liema rata giet accettata mis-socjeta’ konvenuta u thallas depozitu ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) (Fol.10).

Skond Joseph Curmi, a Fol. 10 tal-process, ix-xoghol beda fit-18 ta’ April, 1995, u baqa’ sejjer sa’ Lulju, ta’ l-istess sena.

L-ewwel talba ghall-hlas saret permezz ta’ *invoice* li ggib id-data 30 ta’ Settembru, 1995, (Fol. 16), izda jidher li mill-ewwel is-socjeta’ konvenuta bdiet tikkontessta l-ammont li gie mitlub minnha.  L-istess Joseph Curmi jghid li s-socjeta’ konvenuta kkontestat kemm l-ammont li kienu qeghdin jitolu ghall-kiri tal-pompa, kif ukoll il-*labour costs*.

Ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont mitlub.

L-ewwel Ittra Ufficjali ggib id-data 28 ta’ April, 1997, li giet notifikata lis-socjeta’ konvenuta fit-2 ta’ Mejju, 1997.

It-termini li jorbtu lil din il-Qorti fil-konsiderazzjoni taghha ta’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni huma Lulju, 1995 sa t-2 ta’ Mejju, 1997.  Dan il-perijodu jissupera t-tmintax-il xahar rikjest mill-artikolu 2148(f) ukoll jekk il-Qorti tuza d-data tat-30 ta’ Settembru, 1995, id-data ta’ l-*invoice.*

Ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta tista’ tippreskrivi b’success l-azzjoni attrici, u dana peress illi l-ewwel att gudizzjarju, cioe’ l-Ittra Ufficjali tat-28 ta’ April, 1997, giet ipprezentata wara illi kien diga’ skada t-terminu preskrittiv.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta’ konvenuta u

konsegwentement tichad it-talba tal-Korporazzjoni attrici bl-ispejjez kontra taghha.”

Il-Korporazzjoni attrici appellat minn din is-sentenza u talbet ir-revoka taghha. L-aggravju taghha kontra s-sentenza appellata hu fis-sens illi ghall-iskop tal-ezami tal-preskrizzjoni eccepita mis-socjeta` konvenuta kien importanti li dan l-ezami jsir fil-kwadru ta’ l-oggett tal-kawza u tat-talba. Hi tinterpreta l-ftehim bejnha u s-socjeta` konvenuta fis-sens li dan ma kienx dak ta’ semplici kiri ta’ pompa izda kuntratt aktar ampju li kien jinvolvi kiri ta’ xoghol ossija ta’ mano d’opera biex tigi ezegwita l-operazzjoni ntiza mis-socjeta` appellata ta’ ezamijiet fuq it-tankijiet taghha.

Ghal dan l-aggravju s-socjeta` konvenuta wiegbet illi n-negozju kien jikkonsisti minn wiehed prettament ta’ kiri ta’ pompa u li s-servizzi l-ohra kienu biss ancillari jew sekondarji ghall-ftehim principali. Izzid tghid illi f’kull kaz l-azzjoni ghal servigi tinsab preskritta bid-dekors ta’ hames snin u dan stante li ma sar l-ebda att interruttiv fit-terminu stabbilit.

Mill-atti tal-kawza m’hemmx dubbju illi tezisti kontestazzjoni mis-socjeta` konvenuta ghat-talba attrici ghall-hlas tas-somma pretiza. Inter alia, din is-socjeta` tikkuntrasta din it-talba billi tinvoka l-preskrizzjoni ta’ tmintax il-xahar stabbilita fl-Artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili. Eccezzjoni din milqugha mill-ewwel Qorti fuq il-konsiderazzjoni illi l-materja kienet titratta mill-kiri u provvizjon ta’ pompi skond ir-rata maqbula bejn il-partijiet. Hi proprju din il-konsiderazzjoni li qed tigi mpunjata mill-Korporazzjoni appellanti.

In linea generali huwa dottrinalment ricevut illi l-preskrizzjoni hi definita bhala mod ta’ estinzjoni tad-dritt fejn il-fondament taghha hu rikondott ghar-rinunzja tacita da parti tat-titolar tad-dritt. Abbinat ma’ din it-tifsira jinghad ukoll illi l-esigenza tal-preskrizzjoni hi dik li tigi assigurata c-certezza tar-rapporti guridici. Dan johrog sew mil-ligi taghna ad exemplum fl-Artikoli 2107 (2), 2112, 2113, u 2115 (1) tal-Kodici Civili. Hu car ukoll illi l-

eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma hijiex wahda ta’ ordni pubblika tant li hi rizervata biss, bl-operat tal-ligi, ex-Artikou 2111 tal-Kap 16, lill-parti interessata.

Fil-kaz, allura, li titqajjem il-preskrizzjoni l-unika procedura konsentita kienet dik li l-attur jipproduci provi dwar l-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-perijodu preskrittiv jew dwar l-ammissjoni tal-kreditu da parte tal-konvenut debitur tieghu jew li l-attur jissodisfa lill-Qorti li l-preskrizzjoni eccepita ma kienetx applikabbli ghal kaz. Kif pacifikament stabbilit, “il-preskrizzjoni tista’ tigi mwaqqa mhux biss bil-gurament decizorju izda wkoll billi wiehed juri illi ghal xi motiv legali dik il-preskrizzjoni eccepita m’hijiex ammissibbli, jew li kien hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha” (**Kollez. Vol. XXX pI p998**; **Vol XXXVII pII p626**).

Fil-kaz in ezami l-Korporazzjoni appellanti tikkumbatti l-preskrizzjoni qasira eccepita billi ssostni illi din kienet inammissibbli ghall-fattispeci tal-kawza minnha agitata. Hi tikkontendi illi l-premessa tat-talba taghha ghal hlas hi dik ta’ servigi minnha prestati lis-socjeta` appellata. Servigi dawn li skond il-prova minnha prodotti taghmilhom jikkonsistu mhux biss fil-kiri ta’ pompa ghat-testijiet izda principalment mill-adoperu tal-impjegati taghha ghal numru ta’ granet biex tithaddem l-istess pompa, u apparat iehor, kompriz l-armar tal-pajpijiet biex jitwassal l-ilma bahar ghat-tankijiet. Ara xhieda ta’ l-Inginjier Joseph Curmi (fol 9), tal-Principal Foreman Saviour Darmanin (fol 37) u taz-zewg mechanical fitters Ronnie Deguara (fol 45) u Silvio Debono (fol 48).

Jirrizulta allura, mhux kontraddett, illi dak li ghal bidu kien intenzjonat li jkun semplici kiri ta’ pompa spicca biex jinvolvi ukoll il-prestazzjoni ta’ xogholijiet varji minn nies tal-Korporazzjoni. Xoghlijiet dawn li jidher li kienu accettati mis-socjeta` konvenuta anke jekk kif dikjarat mill-Inginjier Curmi, “ghan nies li hadmu ma kien hemm l-ebda ftehim” (fol 11). Dan qed jigi precizat in kwantu wkoll, skond ix-xhud Saviour Darmanin, kien l-Inginjier Thimoty Leone Ganado tas-socjeta` konvenuta li kien jinsisti biex jithalla xi hadd mill-Korporazzjoni, anke wara l-hinijiet tax-

xoghol, biex jopera l-iswitch board billi s-socjeta` konvenuta kellha "time limit" biex taghmel it-testijiet (fol 38 – 39). Din id-dikjarazzjoni, korroborata mill-mechanical fitters fuq indikati, ma gietx zmentita mill-ebda rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Irid jizdied, skond il-fehma ta' din il-Qorti, illi fil-kumpless, ix-xoghlijiet ezegwiti ma jistghux jitqiesu merament sekondarji ghal kiri tal-pompa.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet sewwa inghad ukoll bhala principju ta' dritt mill-Korporazzjoni appellanti illi l-ezami tal-preskrizzjoni kellha tigi nkwadrata fil-qafas ta' l-azzjoni ntentata minnha. Fuq dan il-punt il-Korporazzjoni appellanti ghandha l-konfort ta' dak sostenut mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tat-8 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet "**Alexander Gray Bannerman et –vs- John Camilleri et**".

"Hi korretta s-sottomissjoni ta' l-appellanti li huma l-premessi ta' l-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta' l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perjodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni kellu japplika".

Dan donnu tirrializzah is-socjeta` konvenuta ghax fir-risposta ta' l-appell taghha, anke jekk ma tipprecizax id-dispost tal-ligi, tinvoka l-preskrizzjoni bid-dekorriment ta' hames snin. Preskrizzjoni din li, incidentalment, u kuntrarjament ghal dak ritenut mis-socjeta` appellata, tinsab interrotta bl-ittri ufficjali tat-28 ta' April 1997 u tad-29 ta' Frar 2000, esebiti rispettivament a fol 33 u 29 tal-process.

Hi l-ferma opinjoni ta' din il-Qorti minn dak fuq ragonat illi l-preskrizzjoni eccepita fil-kumpless tan-negozju u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ma kienetx dik idonea la ghall-bazi ta' l-azzjoni u lanqas ghall-fatti emergenti mill-atti processwali. Kif drabi ohra gie ravvizat, "invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikolari kontemplati mil-ligi, l-Qorti ma tistghax jekk dik invokata tirrizulta nsostenibbli, tfittex

biex tara jekk hiex applikabbli xi preskrizzjoni partikolari ohra li ma gietx invokata" (**Kollez. Vol XLII pIII p1152**).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata li laqghet il-preskrizzjoni eccepita. Tirrinvija l-atti lill-ewwel Qorti biex hemm tkompli tigi trattata u definita l-kawza fuq il-meritu taghha u fl-ambitu ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati. L-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti procedura jitbatew mis-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------